Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,580, 4 ta' Frar, 2026

Taqsima B

A.L. 28 tal-2026

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Istatut għat-Tħassir tal-Istatut għaċ-Ċentru Ewro-Mediterranju għar- Riċerka fl-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap.327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dan l-istatut li ġie magħmul mill-Kunsill tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75(1)(2) u 77(ċ)(d) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dan l-Istatut jista' jissejjaħ bħala l-Istatut għat-Tħassir tal-Istatut.

It-Tħassir

2. L-Istatut li ġej huwa b'dan imħassar:

(a) L-Istatut għaċ-Ċentru Ewro-Mediterranju għar-Riċerka fl-Edukazzjoni, ippubblikat fl-Avviż Legali 321 tal 2009 u emendat bl-Avviż Legali 195 tal-2012.